1 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Claudio Cortis**

**Armi tan-Nar — Konfiska — Delitt — Kontravvenzjoni — Art. 24 tal-Kodiċi Kriminali, u Art. 196 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Il-konfiska tal-"corpus delicti" u ta' l-oġġetti li servew biex isir id-delitt hija konsegwenza tal-piena stabbilita mill-liġi għad-delitt, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet parti fid-delitt, ikollha xi jedd fuq dawk l-oġġetti. Fil-każ tal-kontravvenzjonijiet, il-konfiska ssir fil-każijiet biss imsemmijin espressament fil-liġi; imma anki fil-każ tal-kontravvenzjonijiet hemm l-eżenzjoni mill-konfiska jekk xi persuna, li ma tkunx ħadet parti fil-kontravvenzjoni, ikollha xi jedd fuq l-oġġetti li bihom tkun saret il-kontravvenzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jagħmel użu, mingħajr permess tal-Pulizija, minn arma tan-nar ta' ħadd ieħor, mingħajr dan il-ħadd ieħor ma*

*kellu ebda parti fih il-kontravvenzjoni, dik l-arma mhix suġġetta għall-konfiska.*

Il-Qorti. — Fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli l-Buskett, fil-limiti tar-Rabat, fil-5 ta' Ottubru 1951, f'xis-7.30 a.m., kien idur għall-kaċċa b'arma tan-nar regolari mingħajr permess tal-Pulizija, daħal u spara l-istess arma ġewwa l-ġonna tal-Buskett mingħajr permess mill-awtorità kompetenti, u fuq it-talba tal-Pulizija għall-konfiska ta' l-arma tan-nar u l-munizzjon, il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-28 ta' Novembru 1951, wara li rat in-Notifikazzjoni tal-Gvern 100/37, l-art. 188 u 196 tal-Liġijiet tal-Pulizija, u 24 tal-Liġijiet Kriminali, sabet lill-imputat ħati skond l-akkuża, u kkundannatu għall-piena ta' £2 għall-ewwel akkuża, u għall-ammenda ta' 5s. għat-tieni, u ordnat il-konfiska ta' l-arma tan-nar u tal-munizzjon eżibiti;

L-imputat appella limitatament għall-konfiska ta' l-arma biss;

Il-Qorti semgħet..........;

Mill-provi rriżulta li l-imputat ħareġ idur għall-kaċċa bis-senter ta' Giuseppe Mifsud. Dak is-senter l-imputat ħadu bil-moħbi u mingħajr il-kunsens ta' dak Giuseppe Mifsud, minn ġo kamra maqfula. Mifsud kellu l-permess iżomm dak is-senter, u fil-kommissjoni tar-reat da parti ta' l-imputat Mifsud ma kellu ebda ħtija, tant li meta dan Mifsud ġie mħarrek fuq il-fatt, huwa ġie liberat;

Skond l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali, il-konfiska tal-"corpus delicti" u ta' l-istrumenti li servew sabiex isir id-delitt hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, barra minn meta persuna li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt ikollha jedd fuq dak l-oġġett; u fil-każ ta' kontravvenzjonijiet din il-konfiska ssir fil-każijiet biss imsemmijin espressament fil-liġi. Dana jfisser li fil-każ ta' kontravvenzjonijiet il-konfiska ssir fil-każijiet espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna li ma tkunx ħadet sehem fil-kontravvenzjoni jkollha jedd fuq dawk l-oġġetti. U tabilħaqq, it-tieni paragrafu ta' l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali jagħmel riferenza għall-paragrafu ta' qabel, billi jgħid "din il-konfiska", u għal-

hekk għandu jiftiehem bil-limitazzjoni magħmula fl-ewwel paragrafu rigward il-konfiska konsegwenzjali għad-delitti;

Dana huwa loġiku u naturali; għax jekk f'każi gravi ta' delitti ma hemmx konfiska meta l-oġġett ikun ta' terza persuna li ma jkollhiex ħtija, "multo magis" ma għandux ikun hemm konfiska fil-każ ta' kontravvenzjoni li fiha ebda sehem ma kellu sid il-ħaġa. It-tielet paragrafu ta' dak l-artikolu jkompli jsaħħaħ dik l-interpretazzjoni, billi jistabbilixxi eċċezzjoni għar-regola fuq imsemmija, iżda limitatament għall-oġġetti meta "the manufacture, use, carrying, keeping, or sale whereof, constitutes an offence"; altrimenti ma kienx ikun hemm skop ta' dak il-paragrafu;

Fil-fatti rriżulta li s-senter kien ta' bniedem li kellu l-liċenza biex iżommu u jużah, u għalhekk ma kienx oġġett minn dawk imsemmija fil-paragrafu 3 ta' l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali;

L-art. 196 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għandu jinqara in relazzjoni u armonija ma' l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell kif sar, u kif inhu limitat għall-konfiska ta' l-arma biss, u tirrevoka s-sentenza appellata rigward il-konfiska ta' l-arma, u għalhekk tneħħi l-ordni tal-konfiska tas-senter.